MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-23 ta' Mejju, 2003

Numru 410/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Simon Galea)**

**vs**

**Richard Calleja**

**Seduta tal-lum 23 ta' Mejju, 2003.**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra Richard Calleja ta' 21 sena mwieled il-Pieta' fit tlieta (3) ta' Lulju, 1981, bin Nazzareno u Carmen xebba Buttiegieg, u residenti 20, Triq it-Torri., 371781(M);

(1) Talli f'ghalqa l-Wilga tar-Razzett Maghtab fil-lejl ta' bejn it-tletin (30) t'April, 2003 u l-ewwel (01) ta' Mejju,

2003, ikkomettejt serq ta’ oggetti ghad-dannu ta’ Giuseppe Dimech u liema serq huwa aggravat bil-valur, liema valura huwa ta’ aktar minn mitt lira Maltin (Lm100) u anqas minn elf lira Maltin (Lm1000), mezz, u hin, u dan bi ksur ta’ l-artikoli 263, 267, u 270 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

(2) u aktar talli fl-ahhar zminijiet f’dawn il-Gzejjer xjentement lqghajt ghandek jew xtrajt hwejjeg misruqa, nehuda b’qerq, jew akkwistati b’rejat u cioe’ serq, u xjentement b’kull mod li tkun indhalt biex tbieghhom jew tmexxiehom, u dan bi ksur ta’ l-artikolu 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

(3) ghall-habta tal-hdax u nofs ta’ filghodu (11.30a.m.) waqt li kont fil-kustodja tal-Pulizija hrabt mill-istess kustodja u aktar talli nhar l-ewwel (01) ta’ Mejju, 2003,;

(4) u aktar talli nhar l-ewwel (01) ta’ Mejju, 2003, ma obdejtx l-ordnijiet legittimi moghtija lilek mill-Pulizija Ezekuttiva.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz ikun trattat u deciz bi procedura sommarja skond l-art 370 (4);

Rat illi l-imputat ma oggezzjonax biex il-kax ikun trattat u deciz bl-istess procedura.

Semghat l-ammissjoni ta’ l-imputat.

Fuq ammissjoni ssibu hati.

Rat l-art. 263, 267, 270, 280 (2), 281, 334, 151 u 338(ee) tal-Kap 9.

Wara li kkunsidrat illi l-imputat ghamel tajjab ghall-valur ta’ l-oggetti misruqa.

Tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor sa zmien sena mil-lum skond l-art 22 Kap 446 tal-Kap 9.

Il-Qorti fehmet l-obbligi tal-imputat imposti fuqu b'din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------